MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 466/2014

**A B**

**vs**

**C *sive* DB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur A B tat-28 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

"Illi l-partijiet zzewgu fit-tletin ta' April tas-sena elf disa mija u tlieta u dishgin (1993) u li minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed jisrnu Ryan B lil ilium huwa maggorenni pero ghadu jistudja.

Illi permezz ta' kuntratt datat sebgha ta' Dicembru tas-sena elfejn fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, sehhet il-firda personali bejn il-partijiet u giet tterminata u llikwidata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Illi skont l-imsemmi kuntratt, l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-partijiet ghall-htigijiet taghhom perosnali mentri l-esponent lest li jkompli jhallas il-manteniment pattwit ghall-htigijiet ta' ibnu Ryan sakemm dan jibqa student fedukazzjoni, tahrig jew taghlim full time u jkun ghadu taht l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kunclizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Koclici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-clivorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku."

Rat ir-risposta tal-konvenuta D B li taqra' kif gej:-

"Illi huwa minnu li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Anthony Abela, nhar is-7 ta' Dicembru 2000;

Illi kif qal ben tajjeb ir-rikorrent, it-tifel tal-konjugi B, Ryan, ghadu qed jistudja gewwa l-Universita ta' Malta u propju nhar it-12 ta' Frar li gej, ser jaghlaq dsatax-il sena (19);

Illi meta Ryan B, kien ghadu minuri, u l-partijiet kienu ghadhom flimkien, huwa kellu young savers account f'liema kont kienu jitpoggew il-flejjes li l-minuri kien qala' fil-maghmudija, f'gheluq sninu, fil-Milied u fl-Easter, kif ukoll ic-children's allowance; liema kont baqa' fuq isem il-minuri sakemm il-bank, fis-sena 2008, infunnahom illi l-young savers account kellu jinghalaq stante li l-minuri kien ser jaghlaq tnax-il sena u kien ghalhekk illi l-partijiet fethu kont kongunt bejniethom u ddepozitaw l-flejjes li precedentement kienu fil- Young Savers account, fih;

Illi in oltre, meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien, huma kienu wkoll fethu kont iehor li jinsab fuq isem it-tnejn, ghall-minuri Ryan, kif ukoll kont iehor ma' Karusinu;

Illi effettivament illum hemm tliet kontijiet ta' iben il-partijiet Ryan B, li huma fuq isem il-partijiet b'mod kongunt, fl-ammont komplessiv ta' Eur 14,488.37;

Illi l-esponenti tixtieq illi t-tliet kontijiet in kwistjoni jigu trasferiti fuq isem it-tifel tal-partijiet, Ryan B, u jkunu zbankabbli minnu meta jaghlaq l-eta' ta' 21 sena, u dana stante li effettivament dawn il-flejjes jappartjenu lilu, u dana kif jirrizulta ampjament mid-dokumenti annessi; madanakollu jirrizulta illi r-rikorrent qed jirrifjuta li jaghmel dan u dana minghajr l-ebda raguni valida;

Illi umilment jigi sottomess, illi l-esponenti taf li dan l-istat ta ' fatt ma jinpingiex fuq jekk divorzju jinghatax o meno', stante li dawn il-flejjes mhumiex arretrati ta' manteniment, pero dina l-Qorti tghallimna, illi fejn ikun hemm affarijiet minimi bhal nuqqas ta' hlas tal-gholi tal-hajja fuq manteniment tal-wild, hija ma tiddecidix finalment fuq it-talba ghad-divorzju qabel l-istess tigi risolta. Tenut kont illi hawn si tratta ta' ammont ta' flus konsiderevoli li jappartjenu lill-minuri Ryan, u liema qed jinzammu mill-intimat minghajr l-ebda raguni valida; l-esponenti bir-rispett titlob illi dina l-Onorabbli Qorti taghti provvediment fuq 1-istess, qabel tghaddi biex tikkonsidra t-talba tar-rikorrent ghad-divorzju;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, f'dan l-istadju, l-esponenti qed topponi ghat-talba tax-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet.

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju."

Ikkonsidrat;

Il-Qorti ezaminat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ippubblikat fis-7 ta' Dicembru 2000. Dak iz-zmien binhom kien ghad ghandu erba' snin. Fil-kuntratt ma hemmx stipulazzjoni specifika dwar kontijiet bankarji ta' tfaddil li infethu bil-hsieb li jkunu tal-minuri. Jistipula l-kuntratt illi "Il-flus li hemm fil-kontijiet bankarji, jittiehdu mill-persuna li f'isimha hemm il-kont rispettiv".

Dak hu li ftehmu l-partijiet fuq il-kuntratt u ghalhekk in ottemperanza mal-principju regolatur "pacta sunt servanda" gialadarba l-kontijiet bankarji in kwistjoni qeghdin f'isem iz-zewg partijiet, il-fondi jappartjenu lilhom it-tnejn. X'ser jaghmlu minn sehemhom kull wiehed u wahda minnhom hija kwistjoni ohra li ma hiex mertu tal-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti u ghalhekk ma ser jinghata l-ebda gudizzju fir-rigward.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------